# Il-Knisja Parrokkjali l-Qadima tal-Parroċċa tagħna

minn Charles Scerri

L-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera hija storja li bla dubju ta' xejn issawwret fuq medda ta' erba' sekli.

Minkejja dan tajjeb li niftakru li l-qima lejn il-Qaddisa tagħna Santa Venera Verġni u Martri hija wisq qadima hawn f'Malta tant li fir-Rabat ta' Malta nsibu saħansitra katakombi tal-epoka Paleokristjan li jmur lura lejn l-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu u li huwa ddedikat lil Santa Venera. Dan jinsab viċin ħafna ta' ieħor aktar magħruf iddedikat lil Sant'Agata Verġni u Martri.

Hawn teżisti wkoll it-tradizzjoni li Santa Venera stess, biex teħles minn persekuzzjoni kontra l-Insara fi Sqallija f'dik l-epoka, sabet kenn f'artna.

Intant insibu li d-devozzjoni lejn din il-qaddisa martri ta' Kristu b'xi mod baqgħet hajja minkejja li tul is-sekli kellna saħansitra l-ħakma Għarbija f'pajjiżna. Ħakma li ħadmet ħafna biex tipprova tiknes u telimina kull traċċa ta' Kristjaneżmu minn Malta.



L-inħawi fejn illum insibu r-raħal ta' Santa Venera fil-qedem kienu magħrufa bħala *'Tal-Griegi'*. Jidher li l-ewwel knisja li nafu biha f'dawn l-inhawi kienet kappella sempliċi ddedikata lil Santa Venera u li nbniet lejn is-sena 1473. Din kellha ċimiterju magħha - ħaġa komuni għal dawk iż-żminijiet fejn l-Insara kienu jidfnu l-għeżież tagħhom viċin post qaddis.

Fis-sena 1550 din il-Kappella ġiet imkabbra u ġew irranġati xi ħsarat strutturali li kellha.

Il-knisja li naraw illum inbniet lejn is-sena 1688 wara li nħattet dik li kien hemm minflokha. Naturalment il-knisja li nbniet issa kienet bil-bosta akbar minn sempliċi kappella 'l bogħod miċ-ċentri tal-ibliet u l-irħula li kienu ġà jeżistu f'dawk iż-żminijiet.

Kollox juri li dak li ħażżeż il-pjanta tal-knisja ma hu ħadd ħlief l-arkitett magħruf Malti Lorenzo Gafà. Dan l-arkitett jibqa' magħruf bħala l-aktar arkitett prolifiku tal-barokk Malti fis-seklu sbatax.

Din il-knisja hija forma ta' troll b'dak ewlieni l-kbir li huwa tal-korsija u l-ieħor iċken fid-daqs u li huwa tal-kor. Il-pilastri tal-knisja huma eleganti ħafna mżejna bil-panewwijiet sempliċi imma puliti ferm. Insibu l-istess xogħol pulit fis-saqaf ma' dawk li huma magħrufa bħala l-*kustilji* li fih. Insibu wkoll erba' twieqi kbar fis-saqaf li jibdew minn fuq il-gwarniċa li ddawwar il-knisja. Fil-knisja nsibu tliet artali, dak ċentrali li huwa l-artal maġġur u żewġ artali oħra. Bejn iż-żewġ artali tal-ġnub u l-gallarija tal-orgni li qed isserraħ fuq erba' pilastri nsibu żewġ bibien li wieħed minnhom, tal-lemin, jinfed għall-kuridur tal-kunvent u l-ieħor, fuq ix-xellug, jinfed għall-ġenb taz-zuntier.

Il-prospettiva tal-artal tal-kor hija sabiħa ħafna u fiha eżempju klassiku ta' barokk Malti fl-aqwa tiegħu. Il-prospettivi tal-artali tal-ġnub huma eleganti u sbieħ ukoll.

Hemm erba' niċeċ f'din il-knisja li fihom insibu l-istatwi ta' San Ġużepp, xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin, Santa Tereża, xogħol Ġużeppi Cilia, id-Duluri li sa issa ma huwiex magħruf min kien l-istatwarju tagħha. Fin-niċċa li sa ftit tas-snin ilu kienet meqjuma l-istatwa titulari ta' Santa Venera, xogħol Karmenu Mallia, illum insibu l-istatwa oħra grazzjuża tal-qaddisa tagħna. Din l-istatwa ċkejkna li saret ferm qabel ma twaqqfet il-parroċċa tagħna kienet l-ewwel statwa li ferrħet il-qlub tal-ewlenin Vendriżi tal-inħawi. L-istatwarju li ħadimha kien Ġużeppi Cilia. Fuq in-naħa l-oħra ta' din in-niċċa nsibu l-battisteru tal-magħmudija. Fost ix-xogħlijiet sbieħ tal-arti li nsibu f'din il-knisja għandna l-kwadru titulari li jirrappreżenta lil Santa Venera xogħol mill-isbaħ ta' Stefano Erardi megħjun minn Filippino Dingli. Fl-apside fuq dan

il-kwadru tal-kor insibu pittura interessanti ħafna li tirrappreżenta l-martirju tal-qaddisa, xogħol attribwit lill-iskola tal-Preti.

Il-kwadru li jirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu huwa xogħol il-pittur Malti Ġużeppi Calì. Kwadru ieħor interessanti huwa dak tal-artal tal-Kurċifiss li sfortunatament ma nafux min hu l-awtur tiegħu. Żewġ kwadri oħra kbar li nsibu f'din il-knisja jirrappreżentaw lil San Ġlormu u lil San Anton Abbati.

Diversi bċejjeċ artistiċi oħra qegħdin fis-sagristija fosthom insemmu panell antik tas-seklu sittax bi xbiha ta' San Kaloġero u kwadru kbir ieħor li jirrappreżenta lill-Immakulata Kunċizzjoni li fil-passat kien flok il-kwadru tal-Karmnu li hemm fil-knisja.

Fuq il-kunvent ferm antik li nsibu ma' din il-knisja hemm bosta x'wieħed jgħid però se nillimita ruħi u nsemmi biss dak li hu l-aktar ta' interess.

Sa mill-1742 dan serva ta' eremitaġġ għal grupp ta' reliġjużi Sqallin li aktar tard ingħaqdu magħhom ukoll xi rġiel twajba Maltin. Dawn kienu magħrufa bħala l-eremiti tal-Ordni ta' San Kaloġero. Dan l-eremitaġġ dam għal numru ta' snin sakemm wieħed wara l-ieħor dawn l-eremiti mietu u dan il-kunvent għadda f'idejn il-Kapitlu ta' Birkirkara peress li sa dak iż-żmien dawn l-inħawi kienu jaqgħu taħt it-territorju tal-Parroċċa ta' Santa Elena.



Kienu diversi l-Ordnijiet Reliġjużi li kienu interessati jieħdu f'idejhom il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera wara li spiċċaw l-eremiti ta' San Kaloġero.

Kellha tasal però is-sena 1912 biex finalment wara ħafna trattattivi l-knisja u l-kunvent ingħataw direttament mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta lill-Ordni tal-Patrijiet Karmelitani.

Dak iż-żmien il-Provinċjal tal-Karmelitani kien Patri Spiridjun Vassallo. In-nies

tal-inħawi ferħu bil-preżenza tal-patrijiet u ferħu aktar meta l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ddeċidew fl-1913 li jiddikjaraw lill-knisja viċi parroċċa. Dan id-digriet inhareġ mill-Isqof ta' Malta Pietru Pace fil-11 ta' Marzu ta' dik is-sena.

Kien fl-4 ta' Settembru 1918 meta Mons Mauro Caruana Arċisqof ta' Malta ddikjara formalment lill-Knisja ta' Santa Venera parroċċa indipendenti fiċ-ċentru tal-limiti territorjali parrokkjali ġodda. Issa għal din il-knisja kienu wasu drittijiet u dmirijiet konnessi ma' knisja parrokkjali li trid tlaħħaq mal-ħtiġijiet spiritwali ta' komunità ġdida.

Feraħ il-poplu li ra ħolma tiegħu titwettaq. Ferħet ukoll il-Provinċja Karmelitana Maltija li issa kellha responsabbiltà ġdida bl-ewwel parroċċa f'idejn uliedha l-Patrijiet Karmelitani.

Is-snin igerbu u kemm il-limiti tat-territorju parrokkjali u kemm il-popolazzjoni tal-parroċċa żdiedet ferm tant li l-Patrijiet tal-Komunità Parrokkjali ta' din il-Knisja bdew jaħsbu kif ser jilħqu aħjar il-ħtiġijiet spiritwali tal-parruċċani f'ċerti żoni tal-parroċċa.

Għaldaqstant insibu li fis-sena 1946 ħabirku biex inbniet il-knisja ta' Fleur-de-Lys li aktar tard din kellha ssir parroċċa indipendenti.

Min-naħa l-oħra kienu ħasbu wkoll biex joħolqu kappella fil-bini tax-Chateau Lonz (illum iċ-Ċentru Parrokkjali).

Minn hawn 'il quddiem nibet il-ħsieb ukoll li tinbena knisja ġdida u kbira biex takkomoda aħjar il-ħtiġijiet pastorali tal-parroċċa li kompliet tikber fil-popolazzjoni.

Id-deċiżjoni ttieħdet u biex in-nies tkun aktar milħuqa din kellha tinbena fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Nistgħu ngħidu għaldaqstant li din id-deċiżjoni rriżultat f'destin feliċi għall-istruttura tal-knisja l-qadima għax b'hekk ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li tinħatt u tintilef biex tinbena l-ġdida flokha. Destin li sfortunatament wassal lil numru ta' knejjes parrokkjali f'parroċċi oħra li litteralment kellhom jitfarrku biex jiġi użat l-ispazju tagħhom għal knejjes ġodda.

B'hekk il-knisja parrokkjali l-qadima tal-parroċċa tagħna ġiet salvata u għadna nistgħu ngawduha sħiħa u mimlija ħajja sal-ġurnata tal-lum.

Din il-knisja hija wirt għani li ġej minn missirijietna, knisja li ssawret fiha parti mill-aktar importanti mill-istorja sabiħa tar-raħal u l-parroċċa tagħna. Għandna biex inkunu kburin biha u bl-istorja li tħaddan.